# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 22 t'Ottubru 2001**

**Appell Nru. 168/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Attard talli, f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Mejju, 1997 u fit-tlett xhur ta' qabel (**1**) kellu fl-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-ligi, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (**2**) kif ukoll talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza [bi ksur tal-ligi];

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Settembru, 2001 li permezz tgahha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Raymond Attard hati skond iz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija kif ukoll multa ta' mitejn lira (Lm200), u ordnat "id-distruzzjoni tad-droga kollha ezibita inkluz il-mus";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Raymond Attard, minnu ppresentat fl-20 ta' Settembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena ta' inkarcerazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum stess; ikkunsidrat:

Fir-rikors tieghu l-appellant jaghti hafna ragunijiet ghala l-ewwel qorti, skond hu, ma kellhiex taghti l-piena ta' prigunerija li effettivament tat. Dak li donnu qed jinsa l-appellant hu li l-ewwel qorti f'dan il-kaz, trattandosi ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur kif ukoll ta' traffikar, ma setghetx ma timponix piena karcerarja. F'dan il-kaz l-applikazzjoni ta' l-Artikoli

21 u 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 huma espressament eskluzi bis-subartikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101. Inoltre, il-piena inghatat, ghal dik li hi piena pekunjarja fil-minimu taghha – mitejn lira – u ghal dik li hi piena ta' prigunerija prattikament ukoll fil-minimu taghha peress li tali minimu hu ta' sitt xhur prigunerija (ara l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101). Fic-cirkostanzi dana l-appell jirrazenta l-fieragh, u din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur